MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 147/2009

**Go plc (C22334)**

**vs**

**Stephen Ellul (ID 316658M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ disa’ mija u sitta u erbghin Euro u hamsa u erbghin centezmi (€946.45), rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Go plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21665200 skont kif jirrizulta mid-dokumenti mmarkati Dok A u B, annessi mat-talba.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-ahhar pagament, u cioe’ mis-16 ta’ Mejju, 2007 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.
Ra mill-attti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi  l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Ra illi gie pprezentat kapitolu  fis-seduta tal-5 ta’ Mejju, 2009 mill-PL Noel Scerri  u l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra illi l-konvenut naqas milli jikkontesta l-kawza.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet  legali mid-data tal-ahhar pagament, u cioe’ mis-16 ta’ Mejju, 2007 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skont il-Ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------